MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 493/1996/1

**Planor Limited**

**Vs**

**Alfred Delia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm130.00 (mija u tletin lira Maltija) prezz ta' madum lill-konvenut mibjugh u kkonsenjat.

Bl-interessi kummercjali mid-data tal-konsenja, u bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 6 ibid) u li biha eccepixxa:-

1. Illi in kwantu l-azzjoni attrici hija diretta kontra l-esponenti personalment dina ghandha tigi respinta bl-ispejjes stante li se mai il-kreditu ghandu jigi vantat kontra "Ic-Centru Speranza fl-Inkapacitati" u mhux kontra l-konvenut personalment u ghalhekk il-konvenut kif citat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-Gudizzju.

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess illi jekk il-kreditu ikun vantat kontra ic-Centru ghandu jirrizulta li l-ammont rekalmat mhux dovut, almenu mhux fl-interezza tieghu u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur nomine.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, hawnhekk, ser jigu sintetizzat l-provi prodotti mis-socjeta attrici li, kif risultanti mill-verbal a fol 26 tal-istess atti, tinsab fl-istadju li tigi <u>stalcjata</u> ("in likwidazzjoni").

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-provi msemmija, filfatt, gew prodotti biss, mis-socjeta attrici u jikkonsistu fix-xhieda ta' <u>George Saliba</u> (fol 16, 20 et seq ibid) kif ukoll id-<u>dokument</u> a fol 23 sa fol 25 tal-istess atti.

Illi l-istess <u>George Saliba</u>, li kien impjegat bhala "sales manager" mas-socjeta' attrici sal-1995, spjega li l-konvenut kien ordna, minghand l-istess socjeta' attrici, madum li gie kkonsenjat lill-istess konvenuta wara li "…. L-istess konvenut tani d-dettalji tieghu sabiex nkun nista' nohrog l-"invoice". In rigward dan, wara li l-konvenut personalment, kien ghamel l-ordni, l-istess xhud kien ha hsieb sabiex jgib id-dettalji kollha tal-persuna li ser tkun responsabbli ghall-pagament ossija l-konvenut odjern li kien ordna l-stess madum sabiex jigi uzat f'"xi dar ghal xi tfal".

F’dan ir-rigward, ix-xhud esebixxa kopja tal-fattura relattiva ghal dan il-kaz. Inoltre, in kontro esami ,ix-xhud specifika li kien il-konvenut li kien gie jkellimni u li kien ghamel l-ordni kif murija fl-imsemmi dokumenti waqt li l-konsenja kellha ssir fic-Centru imsemmi mix-xhud u miktub fuq l-istess dokumenti.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-verbal tas-seduta tal-5 ta Dicembru 2000 (fol 36 ibid) din il-kawza kienet giet differita ghall-provi tal-konvenut. Pero, kif jidher a fol 38 , 40 u 41, dawn il-provi ma gewx prodotti u ghalhekk il-Qorti thoss li ma ghandhiex taghti differiment iehor skond kif mitlub mill-konvenut fir-rikors presentat minnu fit-22 ta’ Jannar 2003. Ghalhekk it-talba, kontenuta fl-istess rikors li ghadu lanqas ma‘ gie notifikat lis-socjeta’ attrici kif ordnat permezz ta’ digriet prelimari moghti fl-24 ta’ Jannar 2003, qed tigi michuda.

Ikkunsidrat

Illi jidher car u evidenti li l-ammont mitlub bl-avviz hu dovut mill-konvenut personalment.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm130.00,0 bl-imghax legali mill-21 ta‘ Gunju 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

--------------------------------TMIEM--------------------------------